

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea flimkien mal-Artikolu 27(3) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE <sup>(1)</sup>, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku
  - Billi adottat ir-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni interferixxiet fir-rekwiżiti nazzjonali Ċeki fil-qasam tal-iżnaturament komplet tal-alkoħol, minkejja l-fatt li r-Repubblika Ċeka ma kienet bagħtet ebda komunikazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 27(3) tad-Direttiva 92/83 u li l-Kummissjoni kienet ripetutament, min-naħa l-oħra, ikkomunikat li ma kinitx taqbel ma' dan l-approċċ. Skont l-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 92/83, ma huwiex madankollu awtorizzat li jkun hemm interferenza mar-rekwiżiti nazzjonali ta' Stat Membru għall-iżnaturament komplet tal-alkoħol mingħajr awtorizzazzjoni minn dan l-Istat Membru.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83
  - L-ewrożnaturant 1:1:1 ma jissodisfax l-għan ta' din id-dispożizzjoni sa fejn ma jagħtix garanzija suffiċjenti għall-għieda kontra l-frodi fiskali. Fil-fatt, l-ewrożnaturant 1:1:1 huwa taħlita żnarenti dgħajfa ħafna, peress li l-alkoħol żnaturat b'din it-taħlita jista' jintuża b'mod abbużiv għall-finijiet tal-produzzjoni ta' xorb alkoħoliku.

<sup>(1)</sup> ĠU 2016, L 286, p. 32

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 249

<sup>(3)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 206

### Rikors ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2017 – Fastweb vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-19/17)

(2017/C 070/36)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Rikorrenti: Fastweb SpA (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: M. Merola, L. Armati, A. Guarino u E. Cerchi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Fastweb S.p.A titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tal-1 ta' Settembru 2016, li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea awtorizzat il-konċentrazzjoni fil-Każ M.7758 Hutchinson 3G Italy/WIND/JV, konformement mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ("Regolament Komunitarju dwar il-konċentrazzjonijiet") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40), li tiddikjara kompatibbli mas-suq intern it-tranżazzjoni li permezz tagħha Hutchison Europe Telecommunications (HET) u VimpelCom Luxembourg Holdings (VIP) jakkwistaw il-kontroll konġunt ta' impriża ta' kostituzzjoni ġdida (joint venture jew JV) billi jikkonferixxu fuq tali JV l-attivitajiet rispettivi tagħhom fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet fl-Italja, liema kompatibbiltà hija suġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi intiżi għad-dħul fis-suq intern ta' operatur ta' netwerk ġdid (MNO).

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u ta' trasparenza kif ukoll tal-Artikolu 8 tar-regolament.

L-investigazzjoni tal-Kummissjoni hija vvizzjata b'nuqqasijiet serji u manifesti, fuq kolli ta' natura proċedurali, b'mod partikolari: (A) nuqqasijiet li twettqu qabel ma ġew sottomessi l-impenji finali, li jinkludu nuqqas, fil-preżenza ta' diversi kandidati interessati fil-pakkett ta' miżuri, ta' proċedura trasparenti u nondiskriminatorja li tigarantixxi l-għażla tal-aħjar kandidat, kif ukoll l-aċċettazzjoni żbaljata ta' rimedju preventiv "fix-it-first" li ġie propost tard wisq fil-proċedura; u (B) nuqqasijiet fl-investigazzjoni li twettqu wara li ġew sottomessi l-impenji finali, b'mod partikolari, in-nuqqas li jiġu evalwati ċerti aspetti ta' dawn l-impenji (pereżempju fir-rigward tal-ftehim dwar ir-roaming) u n-nuqqas ta' evalwazzjoni suffiċjenti dwar in-natura adatta tal-kandidat akkwirenti, liema nuqqasijiet saru iktar manifesti minħabba l-assenza ta' "market test".

- It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq nuqqasijiet fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni sa fejn il-Kummissjoni qieset li d-dħul ta' MNO ġdid kien fih innifsu suffiċjenti sabiex jeskludi l-effetti orizzontali tal-konċentrazzjoni, mingħajr kunsiderazzjoni tal-fatturi li kienu ddeterminaw is-suċċess tad-dħul ta' H3G, sussidjarja li hija l-proprjetà esklużiva ta' Hutchinson li permezz tagħha topera din tal-aħħar.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, b'mod partikolari, ma vverifikatx jekk l-MNO l-ġdid kellux għad-dispożizzjoni tiegħu (kemm fis-suq tal-immnut kif ukoll fis-suq tal-ingrossa) kapacià operazzjonali, kundizzjonijiet ekonomiċi u inċentivi li minn tal-inqas kienu ekwivalenti, fl-intier tagħhom, għal dawk ta' H3G, li matul l-ewwel snin kienet topera f'suq li kien qiegħed jespandi malajr. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kellha tiegħu inkunsiderazzjoni l-effett fuq id-dinamika kompetittiva tal-asimetrija tar-rata ta' terminazzjoni li bbenefikat minnha H3G, li għalhekk kellha vantaġġ kunsiderevoli meta mqabbla ma' MNO oħra.

- It-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-pakkett ta' impenji.

Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li l-paragun mal-allokazzjoni relatata mal-frekwenza ta' H3G qabel l-amalgamazzjoni tqajjem dubji serji dwar in-natura adatta tal-allokazzjoni prevista fl-impenji finali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq avvenimenti futuri u inċerti, bħall-parteċipazzjoni tal-MNO l-ġdid f'seħjiet għal offerti futuri, mingħajr madankollu ma ħadet inkunsiderazzjoni l-ispejjeż għolja marbuta mat-tiġdid imminenti u mar-"refarming" tal-frekwenzi ttrasferiti. Il-Kummissjoni aċċettat it-trasferiment ta' numru inadegwat ta' siti, billi bbażat ruħha fuq ftehimiet inċerti mat-Tower Companies. Fl-aħħar nett, il-ftehim tranżitorju konkluż mal-partijiet notifikanti, li għandu struttura bbażata fuq il-kapacià, inaqas sostanzjalment l-inċentiv għall-investment.

- Ir-raba' motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' investigazzjoni sa fejn l-analiżi tal-konċentrazzjoni u tal-impenji hija bbażata fuq il-premessa żbaljata li l-prezz huwa l-uniku fattur kompetittiv sinjifikanti fis-suq rilevanti.

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kwalità u l-kopertura tan-netwerk għandhom sinjifikat paragonabbli, u ma kellhiex tillimita ruħha għal analiżi statika tal-preferenzi ta' kampjun parzjali ħafna ta' utenti, li jappartjenu għall-kategorija ta' "infq minimu". Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-importanza prospettiva tal-agglomerazzjoni, li hija deċiżiva għal parteċipant ġdid fis-suq, li jeħtieġ inċentiv addizzjonali meta mqabbel ma' operatur stabbilit (bħal H3G). L-għażla ta' akkwirent li kapaċi jindirizza d-domanda konverġenti kienet tiżgura effikaċja u sostenibbiltà ta' impenji fiż-żmien.

- Il-ħames motiv, ibbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tan-natura adatta tal-impenji li jeskludu t-tħassib dwar l-effetti koordinati fis-suq tal-immnut.

Ir-rikorrenti ssostni li, sabiex ikun jista' jaġixxi b'mod aggressiv u "jikser" il-bilanċ kollużiv, il-parteċipant ġdid fis-suq għandu jkun jista' jaġixxi indipendentement minn MNOs oħra. Madankollu, il-formola magħżula għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' riżorsi (ftehimiet ta' roaming u MOCN nazzjonali) toħloq dipendenza mill-qrib bejn l-MNO l-ġdid u l-JV għal perijodu estiż. Id-deċiżjoni kkontestata hija wkoll vvizzjata b'nuqqas ta' twettiq ta' investigazzjoni xierqa dwar il-kompatibbiltà ta' kuntratti ta' roaming/MOCN nazzjonali mal-Artikolu 101 TFUE.

- Is-sitt motiv, ibbażat fuq in-natura inadatta tal-impenji li jindirizzaw it-tħassib kompetittiv dwar is-suq tal-ingrossa.

Ir-rikorrenti ssostni li, b'mod partikolari, il-Kummissjoni wettqet żball fir-rikostruzzjoni tax-xenarju kontrofattwali u meta ma eżiġiet ebda miżura speċifika, billi bbażat ruħha esklużivament fuq il-fatt li l-Idad ser ikollu inċentiv li joffri tali servizzi minkejja n-nuqqas ta' miżuri f'dan is-sens u l-esperjenza ta' dan l-operatur fi Franza. Kuntrarjament, l-impenji jinċitaw lill-MNO l-ġdid jidentifika u jakkwista speċifikament u unikament il-klijentela ta' ORVM.

7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament Nru 139/2004 u ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni aċċettat lil Iliad bħala akkwirent adatt mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni r-riskji marbuta mal-effikaċja tal-impenji inerenti għad-dħul ta' parteċipant ġdid fis-suq bil-karatteristiċi tiegħu u mingħajr ma pprevediet garanziji adatti fl-impenji, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità/kopertura tan-netwerk.

## Rikors ippreżentat fit-18 ta' Jannar 2017 – Jalkh vs Il-Parlament

(Kawża T-26/17)

(2017/C 070/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Jean-François Jalkh (Gretz-Armainvillers, Franza) (rappreżentant: J.-P. Le Moigne, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tneħħi l-immunità parlamentari mir-rikorrent, bid-data tat-22 ta' Novembru 2016 u li tadotta r-Rapport Nru A8-3019/2016 ta' [X];
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew li jħallas lil J-F. Jalkh is-somma ta' EUR 8 000 għal kumpens tad-dannu morali subit;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha tal-istanza;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew li jħallas lil J-F. Jalkh, bħala rimbors tal-ispejjeż li jstgħu jinġabru, is-somma ta' EUR 5 000.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka disa' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 19 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej. Ir-rikorrent jqis li l-Parlament għamel applikazzjoni żbaljata tar-regoli relatati mal-immunità tat-deputati tal-Parlament Franċiż, u jippretendi li jħawwad l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-applikazzjoni neċessarja tal-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej. Il-proposti u l-opinjoni jiet li saru matul l-intervent ta' J.-M. Le Pen fuq is-sit tal-Front Nazzjonali saru fil-kuntest tal-attivitaġiet politiċi ta' J.-M. Le Pen u tar-rikorrent.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-istess kunċett ta' immunità parlamentari. Ir-rikorrent jikkunsidra li l-Parlament jippretendi li jinjora li l-immunità parlamentari, f'demokrazija, toffri immunità doppja mill-qorti: l-irresponsabbiltà u l-invjolabbiltà.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-ħsara għall-ġurisprudenza stabbilita mill-kummissjoni tal-affarijiet legali tal-Parlament Ewropew fil-qasam ta':
  - libertà tal-espressjoni
  - *fumus persecutionis*
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza taċ-ċertezza legali komunitarja u l-ħsara għall-aspettativi leġittimi.